

Rapport Annwali 2008

Sommarju

Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-
Post tax-xogħol

ISSN 1681-0155

<http://osha.europa.eu>



Aġenzija Ewropea
għas-Saħħa u s-Sigurtà
fuq il-Post tax-Xogħol

Attivitajiet ewlenin fl-2008

L-irwol tal-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-xogħol (EU-OHSA) huwa li tgħin fil-ħarsien tal-ħaddiema fl-Ewropa, billi tiġbor, tanalizza u xxerred informazzjoni dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, u billi tippromwovi kultura ta' prevenzjoni ta' inċidenti u ta' kundizzjonijiet ħżiena għas-saħħa.

Fl-2008 dan involva attivitajiet f'għadd ta' oqsma ewlenin, filwaqt li l-Aġenzija fittxet li tenfasizza l-fatt li, fi żmien ta' diffikultajiet ekonomiċi globali, l-organizzazzjonijiet ma jistgħux iċekknu l-importanza tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol (OHS).

Fl-2008, ix-xogħol tal-Aġenzija kien ibbażat fuq [l-Istrateġija Komunitarja għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, 2007-2012](#), li għandha l-għan li tnaqqas l-inċidenti u l-mard relatati max-xogħol madwar l-UE, u li tenfasizza l-importanza tal-irwol tal-Aġenzija.

Fl-2008, il-Bord Governattiv tal-Aġenzija adotta wkoll [Strateġija ġdida għal ħames snin għall-Aġenzija 2009-2013](#), li tinkludi Programm ta' Ħidma multiannwali ġdid, li huwa marbut ħafna mal-oġettivi fuq żmien twil u mal-valuri tal-Aġenzija.

IL-ĠBIR U L-ANALIŻI TAL-INFORMAZZJONI

Fost l-attivitajiet tagħha fil-ġbir u l-analiżi tal-informazzjoni dwar OHS, l-Aġenzija, permezz tal-Osservatorju Ewropew tar-Riskji (European Risk Observatory - ERO), għamlet studju ta' fattibbiltà ta' metodoloġiji differenti biex jiġu mbassra r-riskji tal-OHS futuri li jistgħu jirriżultaw minn teknoloġiji ġodda u minn metodi ġodda ta' xogħol. Il-Proġett ta' [Tbassir tal-Aġenzija](#) sejjer jinvolvi ħarsa fuq perijodu ta' għaxar snin, u l-għajnuna lil dawk li jfasslu l-politiki biex jieħdu azzjoni issa biex iżommu l-ħaddiema Ewropej sikuri.

L-Aġenzija ffinalizzat it-[Tbassir espert taqħha dwar ir-riskji kimiċi emerġenti](#), li huwa l-aħħar minn serje ta' rapporti ta' profil għoli li jiġbru l-informazzjoni l-aktar reċenti f'oqsma relatati mal-OHS li jinbidlu malajr, u li jidentifikaw suġġetti li fuqhom ir-riċerkaturi u dawk li jfasslu l-politiki għandhom jiffukaw l-attenzjoni tagħhom. Ir-rapport dwar ir-riskji kimiċi

emerġenti jidentifika gruppi ta' sustanzi, inklużi l-karċinoġeni u kimiċi allerġeniċi u ta' sensitizzazzjoni, li huma ta' tħassib partikolari minħabba l-effett tagħhom fuq is-saħħa tal-ħaddiem.

Pubblikazzjonijiet oħrajn tal-ERO taw sommarju tal-istat ta' għarfien rigward [l-espożizzjoni tal-ġilda fuq il-post tax-xogħol u mard tal-ġilda relatat max-xogħol](#); [l-espożizzjoni għall-vibrazzjoni](#) u l-effetti fuq is-saħħa li dawn jistgħu jwasslu għalihom; u [nanopartikoli](#) u l-impatti possibbli tagħhom fuq is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol.

Il-proġett [OHS f'ċifri](#) kompli jipprovdi bażi ta' evidenza għall-prevenzjoni ta' inċidenti u mard fuq il-post tax-xogħol, billi qabbel evidenza statistika minn sorsi u pajjiżi Ewropej differenti. Fl-2008 il-proġett iffoka fuq il-ġestjoni tal-iskart u l-mard respiratorju.

[Tbassir espert fuq riskji psikoloġiċi emerġenti](#) ġdid wera kif numru li qiegħed jiżdied ta' ħaddiema Ewropej huma affettwati mill-istress u riskji psikoloġiċi oħra. Ġie organizzat seminar dwar ir-riskji psikoloġiċi u l-implikazzjonijiet tagħhom, u nġabru statistiċi relatati mal-istress fir-rapport [OHS f'ċifri: Stress](#).

[L-Istħariġ Ewropew tal-Intrapriżi dwar Riskji Ġodda u Emerġenti \(European Survey of Enterprises on New and Emerging Risks - ESENER\)](#) tnieda fl-2008. Dan il-proġett sejjer jinvolvi l-ġbir ta' informazzjoni mingħand rappreżentanti u maniġers tas-saħħa u tas-sigurtà dwar il-mod kif fil-preżent qiegħda ssir il-ġestjoni tar-riskji fuq il-post tax-xogħol, b'attenzjoni partikolari fuq ir-riskji psikoloġiċi.

[Memorandum ta' Fehim Komuni ġie approvat bħala parti mill-Proġett ĠDID tal-OHS ERA](#), li jgħin fil-koordinazzjoni tar-riċerka Ewropea dwar riskji ġodda u emerġenti. Il-Memorandum jistabbilixxi s-suġġetti li sejr in ikunu prijorità għall-attivitajiet ta' riċerka konġunta bejn pajjiżi differenti fl-Ewropa.

Fil-qasam tal-[Informazzjoni dwar l-Ambjent tax-Xogħol](#), li jippromwovi l-kooperazzjoni tal-Istati Membri għall-ġbir tal-informazzjoni u għar-riċerka, l-Aġenzija ħejjiet tliet rapporti ewlenin biex jappoġġaw il-[kampanja għall-Postijiet tax-Xogħol li jiġibu l-quddiem is-Saħħa għall-2008-2009](#) dwar il-valutazzjoni tar-riskji,

u organizzat *Premijiet għall-Prattika Tajba*, li jirrikonoxxu kumpaniji u organizzazzjonijiet oħrajn li għamlu kontribuzzjonijiet kbar fil-promozzjoni tal-valutazzjoni tar-riskji fuq il-post tax-xogħol.

Rapport ġdid, [*Il-Protezzjoni tal-ħaddiema fil-Lukandi, ir-Ristoranti u l-Kejtering \(Protecting workers in hotels, restaurants and catering - HORECA\)*](#), jagħti ħarsa ġenerali lejn is-settur, ftit mir-riskji li huma prevalenti fih, u modi kif jistgħu jiġu protetti l-ħaddiema.

L-Aġenzija ħejjiet ukoll informazzjoni dwar ir-riskji tas-saħħa u tas-sigurtà fis-settur tat-trasport tat-triq.

Sar xogħol fuq rapport futur dwar l-inċentivi ekonomiċi, li sejjer jipprovdi ħarsa aġġornata tal-inċentivi varji li l-pajjiżi fl-Ewropa joffru biex iħeġġu eżekuzzjoni tajba tal-OHS, filwaqt li revizzjoni tal-letteratura dwar l-OHS u l-effikaċja ekonomika fl-impriżi ta' daqs żgħir u medju teżamina r-rabta bejn il-benefiċċji ekonomiċi u l-kundizzjonijiet tajba fix-xogħol.

L-Aġenzija kienet involuta fl-ippjanar tal-proġett dwar il-Promozzjoni tas-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol, li sejjer jiġbor u jxerred informazzjoni li tista' tgħin biex jiġu żviluppati kampanji għall-promozzjoni tas-saħħa fuq il-post tax-xogħol.

Ġiet żviluppata informazzjoni prattika dwar il-problemi tas-saħħa u s-sigurtà li jaffettwaw [*il-ħaddiema tat-tindif*](#), kif ukoll studji tal-każijiet dwar modi kif is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol jistgħu jiġu integrati jew *implimentati* fl-edukazzjoni.

Wara l-kampanja tagħha tal-2007 dwar id-disturbi muskuloskeletal, [*Ħaffef il-Piż*](#), l-Aġenzija ppubblikat ir-[*Rapport ta' Prevenzjoni dwar l-MSDs*](#) tagħha, li fih tat pariri dwar kif għandhom jiġu mmaniġġjati l-MSDs fuq il-post tax-xogħol.

Sar xogħol ta' tnejn u għbir ta' informazzjoni fuq is-suġġett taż-żamma tal-bini u tat-tagħmir fuq il-post tax-xogħol, li sejjer ikun is-suġġett tal-*kampanja madwar l-Ewropa kollha* dwar *Postijiet tax-Xogħol li jgħibu 'l quddiem is-Saħħa* tal-Aġenzija fl-2010-2011.

Fl-2008, ġie ffirmat kuntratt għal Ċentru Tematiku uniku ġdid, li huwa konsorzju ta' istituzzjonijiet ewlenin tal-OHS madwar l-UE. Iċ-Ċentru Tematiku sejjer ikun il-fornitur ewlieni ta' informazzjoni esperta dwar l-OHS

għall-Aġenzija. Il-kuntratt jista' jiġġedded għal massimu ta' erba' snin.

KOMUNIKAZZJONI, KAMPANJI U PROMOZZJONI

F'termini tal-attivitajiet tagħha għall-komunikazzjoni u t-tixrid tal-informazzjoni dwar l-OHS, l-Aġenzija ħadmet biex tipromwovi l-[*kampanja dwar il-valutazzjoni tar-riskji fil-qasam tal-Postijiet tax-Xogħol li jgħibu 'l quddiem is-Saħħa*](#). Il-valutazzjoni dettaljata tar-riskji hija punt fundamentali fil-ġestjoni tas-saħħa u tas-sigurtà. S'issa l-kampanja involviet aktar minn 7,000 parteċipant f'seminars, avvenimenti ta' taħriġ u gruppi ta' ħidma, u tqassmu madwar 2 miljun pubblikazzjoni stampata.

Il-kampanja hija l-ewwel waħda li hija bbażata fuq mudell ġdid ta' sentejn, li jagħti aktar żmien għat-tnejn u għas-segwitu, b'mod partikolari għall-promozzjoni tal-prattika tajba, u għall-iżvilupp tan-netwerks u tal-imsieħba li huma fundamentali għas-suċċess tagħha. Sal-aħħar tal-2008, 17-il organizzazzjoni kienu ffirmaw bħala [*msieħba uffiċjali tal-kampanja*](#).

Il-*Ġimgħa Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-post tax-Xogħol* saret bejn l-20 u l-24 ta' Ottubru 2008, li matulha saru mijiet ta' avvenimenti u attivitajiet relatati mal-kampanja madwar l-Ewropa kollha.

Għall-kampanja, ġie introdott mudell ta' appoġġ ġdid u aktar flessibbli għall-punti ewlenin, li normalment ikunu l-korpi nazzjonali tal-OHS fil-pajjiżi Ewropej differenti. Il-*Pakkett Ewropew ta' Għajnuna għall-Kampanja (European Campaign Assistance Package - ECAP)* huwa bbażat fuq il-provvista ta' servizzi permezz tal-kuntratturi tal-Aġenzija.

L-[*Avveniment ta' Għeluq tal-Kampanja Ħaffef il-Piż*](#) tal-2007 sar fis-26 ta' Frar 2008, u kien jinkludi l-[*Premijiet Ewropej għal Prattika Tajba*](#), li jingħataw lil organizzazzjonijiet li għamlu kontribuzzjonijiet kbar għall-immaniġġjar tal-MSDs.

L-Aġenzija ppubbliċizzat ix-xogħol tagħha permezz tal-Google AdWords, u ppromwoviet ir-rapporti ġodda tagħha dwar ir-riskji psikoloġiċi u dwar is-settur tal-HORECA permezz ta' stqarrijiet ta' aħbarijiet lokalizzati.

Fl-2008, saret [evalwazzjoni esterna tal-kampanji u inizjattivi li l-Aġenzija għamlet fil-passat](#).

Għodda ġodda u Punti ta' Dħul Uniċi ġew miżjuda mal-[website tal-Aġenzija](#) u tnediet website għal [Napo](#), il-karattru popolari tal-kartuns. Ġie stabbilit panil għall-utenti sabiex jimmonitorja l-effikaċja tal-website tal-Aġenzija.

L-Aġenzija kompliet ukoll bil-programm tagħha ta' pubblikazzjoni, u b'hekk ipprovdiet informazzjoni dwar OHS lil firxa wiesgħa ta' udjenzi.

L-IŻVILUPP TAN-NETWERK

L-Aġenzija kompliet tiżviluppa n-netwerks tagħha fuq livell tal-UE, bl-Uffiċċju ta' Kollegament ta' Brussell jikkoordina x-xogħol tagħha mal-Kummissjoni Ewropea, mal-Parlament Ewropew, mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u oħrajn.

L-Aġenzija kompliet tkun involuta fi programmi li jħejju pajjiżi li potenzjalment jistgħu jissieħbu fl-UE, billi armonizzat l-attivitajiet tagħhom dwar is-saħħa u s-sigurtà ma' dawk tal-Istati Membri eżistenti.

Fl-2008, l-Aġenzija kompliet ix-xogħol tagħha biex issaħħaħ il-kollaborazzjoni mal-imsieħba internazzjonali tagħha – b'mod partikolari l-Organizzazzjoni Dinjija tax-Xogħol (International Labour Organisation - ILO), l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (World Health Organisation - WHO) u l-Kumitat ta' Spetturi tax-Xogħol Anzjani (Senior Labour Inspectors Committee - SLIC) – sabiex

tiskambja l-esperjenza u eżempji ta' prattika tajba, u sabiex issib sinerġiji fil-kampanji u fl-attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni.

ĦARSA ĠENERALI GĦALL-2009

L-oqsma ta' attenzjoni partikolari għall-2009 sejrjn jinkludu l-implimentazzjoni tal-metodoloġija tal-Aġenzija għat-tbassir tar-riskji ġodda u emerġenti (probabbilment l-ewwel fil-qasam tal-enerġija u tal-ambjent), il-ġbir ta' dejta dwar ir-riskji li jiffaċċjaw in-nisa fuq il-post tax-xogħol bħala parti mill-proġett 'OHS f'Ċifri', il-preżentazzjoni tal-ewwel riżultati tal-[Istħarriġ tal-ESENER](#), l-iżvilupp ta' rapporti dwar ir-riskji tal-OHS fis-settur tat-trasport, u r-riċerka dwar l-akkwisti pubbliċi u privati u l-irwol tiegħu fil-provvista ta' inċentivi ekonomiċi għal OHS tajba.

Barra minn hekk, l-attivitajiet ta' kampanja fl-2009 sejrjn jinkludu t-tieni sena tal-[Kampanja għall-Postijiet tax-Xogħol li jġibu 'l quddiem is-Saħħa](#) dwar il-valutazzjoni tar-riskji, bil-preżentazzjoni ta' [Premijiet għal Prattika Tajba](#), rapporti tal-kampanji u għodda għall-valutazzjoni tar-riskji online jsiru disponibbli, u l-avveniment ta' għeluq tal-kampanja f'Novembru. Fl-istess ħin, sejrjn isiru tħejjijiet għall-kampanja tal-Aġenzija li jmiss għall-Postijiet tax-Xogħol li jġibu 'l quddiem is-Saħħa, li sejra tiffoka fuq il-Manutenzjoni Sigura fl-2010-2011. Sejrjn jergħu jiġu stabbiliti imsieħba tal-kampanja, u sejjer jitħejja materjal għall-kampanja (inkluż il-website tal-kampanja) fi 22 lingwa.

Sejra ssir evalwazzjoni esterna tal-mudell ġdid tal-kampanja u tal-pakkett ta' finanzjament il-ġdid tal-ECAP.

Traduzzjoni pprovduta miċ-Ċentru ta' Traduzzjoni (CdT, Lussemburgu), bbażata fuq test oriġinali bl-Ingliż.